**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 12 ta' Lulju, 2017**

Numru 6

**Rikors Guramentat Nru. 819/2015**

**Dr Jesmond Manicaro LL.D. bhala mandatarju specjali tal-assenti Arthur Ebejer u ta' martu Valerie Bernardette Ebejer, kif ukoll ta' Simon Jon Lord u ta' martu Claire Grace Lord ghal kull interess li jista' jkollhom fl-ezitu tal-kawza.**

**vs**

**Salamanda Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tat-28 ta' Awwissu, 2015 li jghid hekk:

1. ILLI l-esponenti huwa debitament awtorizzat sabiex jistitwixxi l-proceduri gudizzjarji odjerni ghan-nom u in rapprezentanza tal-atturi mandanti assenti minn dawn il-gzejjer, u dan kif jirrizulta mill-prokura specjali hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. JM1'.

2. ILLI, permezz ta' att ta' konvenju datat tnejn u ghoxrin ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (22.05.2013), fl-atti tan-Nutar Dr Anton Borg, kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. JM2', il-kumpanija P.D.K. Properties Limited (C19345), rapprezentata fuq l-istess skrittura permezz tad-direttur taghha Patrick Vella [KI 00106067(M)], obbligat ruhha illi tbiegh u titrasferixxi lill-atturi Arthur Ebejer u martu Valerie Bemarderte Ebejer, "... the APARTMENT in a shell form state, without its relative airspace, internally numbered ONE [1], situated on the FIRST FLOOR LEVEL, and on the right hand side when one faces the Block from Triq l-Etna, underlying Apartment internally numbered three [3] and overlying Maisonette internally unnumbered, foming part of a larger block of apartments, with a common entrance without an official number and named "SPRING BLOSSOM', in TRIQ l-

ETNA, in MELLIEHA [MALTA];", bid-drittijiet u bil-pertinenzi u soggett ghall-kundizzjonijiet deskritti fl-istess konvenju, ghall-prezz globali ta' mija u hamsa u ghoxrin elf ewro (€125,000), u dan sa nhar il-hdax ta' Setembru tas-sena elfejn u tlettax (11.09.2013), liema konvenju gie registrat mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni bin-nurnru 'PS 201303451', u fuq liema konvenju l-istess atturi hallsu l-ammont ta' tnax-il elf u hames mitt ewro (€12,500) rapprezentanti depozitu akkont tal-prezz globali pattwit, kif ukoll l-ammont ta' elf, mitejn u hamsin ewro (€1,250) rapprezentanti l-ammont ta' taxxa provvizorja dovuta ghar-registrazzjoni tal-imsemmi konvenju, u dan kif jirrizulta mir-ricevuta rilaxxata rnill-istess Dipartiment tat-Taxxi Interni bin-nurnru '445702' datata tlieta ta' Gunju tas-sena elfejn u tlettax (03.06.2013), kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. JM3'.

3. ILLI, permezz ta' kuntratt ta' appalt intestat 'Contract of Works Agreement' iffirmat fl-istess gurnata tal-konkluzjoni tal-att ta' konvenju surreferit, cioe nhar it-22 ta' Mejju, 2013, kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. JM4', il-kumpanija intimata Salamanda Limited (C11727), rapprezentata fuq l-istess skrittura permezz tad-direttur taghha Patrick Vella [KI 00106067(M)], Ii jokkupa wkoll il-kariga ta' direttur fil-kumpannija P.D.K. Properties Limited (C19345), obbligat ruhha fil-konfront tal-atturi Arthur Ebejer u martu Valerie Bernardette Ebejer illi tezegwixxi x-xoghlijiet ta' appalt deskritti fl-istess skrittura sa mhux iktar tard minn nhar id-dsatax ta' Gunju tas-sena elfejn u tlettax (19.06.2013), u dan versu l-prezz globali ta' hamsa u ghoxrin elf ewro (€ 25,000.00), liema ammont gie saldat mill-istess atturi fl-intier tieghu qabel l-iffirmar tal-att pubbliku ta' kompra-vendita relattiv ('Dok. JM6').

4. ILLI permezz ta' att pubbliku datat tnejn u ghoxrin ta' Awwissu tas-sena elfejn u tlettax (22.08.2013), intestat 'Promise of Assigment of Rights' fl-atti tan-Nutar Dr Anton Borg, kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. JM5', l-atturi Arthur Ebejer u Valerie Bernardette Ebejer obbligaw ruhhorn illi jassenjaw u jittrasferixxu d-drittijiet kollha naxxenti mill-att ta' konvenju surreferit datat 22 ta' Mejju, 2013 ('Dok. JM2') lill-atturi l-ohra Simon Jon Lord u martu Claire Grace Lord, u dan b'konsegwenza tal-fakulta kompetenti lilhom in vista tal-klawzola bin-numru hdax (11) kontenuta fl-istess konvenju.

5. ILLI permezz ta' att pubbliku ta' kompra-vendita datat erbgha u ghoxrin ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (24.09.2013), fl-atti tan-Nutar Dr Anton Borg, kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. JM6', l-atturi Arthur Ebejer u Valerie Bernardette Ebejer assenjaw u ittrasferew id-drittijiet kollha naxxenti mill-art ta konvenju surreferit datat 22 ta' Mejju, 2013 ('Dok. JM2') lill-atturi l-ohra Simon Jon Lord u martu Claire Grace Lord in konsegwenza tal-obbligu assunt mill-istess konjugi Ebejer fil-konfront taghhom fl-att pubbliku surreferit datat 22 ta' Awwissu, 2013 ('Dok. JM5,), b'konsegwenza ta' liema assenjazzjoni, l-istess konjugi Lord irrifondew lill-konjugi Ebejer l-arnmonti mhallsin minnhom, kemm bhala depozitu akkont tal-prezz globali pattwit ghall-bejgh tal-fond mertu tali ftehim, kif ukoll l-ammont imhallas minnhom bhala taxxa provvizorja ghar-registrazzjoni tieghu mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni.

B'konsegwenza ta' tali assenjazzjoni, u permezz tal-istess kuntratt ta' kompra-vendita, il-kumpanija P.D.K. Properties Limited (C19345), bieghet u ttrasferiet il-fond mertu tal-obbligi kontenuti fl-istess konvenju datat 22 ta' Mejju, 2013 lill-komparenti atturi konjugi Lord, bid-drittijiet u bil-pertinenzi u kif soggett ghall-kundizzjonijiet

hemm deskritti, u dan versu l-prezz globali ta' mija u hamsa u ghoxrin elf ewro (€125,000), kif jirrizulta mill-istess att pubbliku ('Dok. JM6'). Tali fond ghadu sal-gurnata tal-lum proprjeta esklussiva tal-istess konjugi Lord illi ghandhom interess fl-ezitu tal-kawza odjerna in vista tad-drittijiet reali taghhom fuq l-istess fond.

6. ILLI, hekk kif jirrizulta mir-rapport peritali datat hmistax ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (15.07.2014), redatt mill-Petit Arkitett Giorgio Schembri, kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. JM7', ix-xoghlijiet ta' appalt mertu tal-kuntratt ta' appalt datat 22 ta' Mejju, 2013 ('Dok. JM4',), ma gewx ezegwiti mir-rapprezentanti tal-kumpanija intimata u/jew minn terzi ingaggjati minnha skond is-sengha u l-arti, b'konsegwenza ta' Iiema inadempjenza l-atturi sofrew danni stmati fl-istess rapport peritali fl-ammont ta' sitt elef u hamsin ewro (€6,050.00) (inkluz it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq tali ammont), ma' liema ammont iridu jizdiedu wkoll ammonti ulterjuri u ancillari mehtiega sabiex ikunu jistghu jigu ezegwiti x-xoghlijiet rimedjali opportuni, fosthom iz-zarmar u l-garr tal-ghamara fil-fond, kif ukoll il-hazna tal-istess ghamara sakemm jigu ezegwiti x-xoghlijiet rimedjali mehtiega, u dan kif jirrizulta mill-istejjem hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok. JM8'-'Dok. JM11' u kif se jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna.

7. ILLI, minkejja illi interpellata kemm-il darba, kemm mill-attur Arthur Ebejer personalment (ara l-emails hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok. JM12'-'Dok. JM32', kif ukoll permezz ta' ittra legali datata tletin ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (30.07.2014), kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. JM33' u permezz ta' ittra ufficjali bin-numru 615/15, datata tmintax ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (18.02.2015) u notifikata lill-kumpanija intimata nhar is-sitta u ghoxrin ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (26.02.2015), kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. JM34', l-istess kumpanija intimata baqghet inadempjenti, u dan minkejja diversi weghdiet da parti ta' Patrick Vella ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija intimata illi x-xoghlijiet rimedjali mehtiega kienu ser jigu ezegwiti fuq struzzjonijiet tieghu.

8. ILLI, ghaldaqstant, in vista tal-inadempjenza u l-intransigenza tal-kumpanija intimata, l-atturi ma baqghalhom l-ebda alternattiva ohra ghajr illi jistitwixxu l-proceduri gudizzjarji odjerni.

GHALDAQSTANT, in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni u/jew provvediment opportun, joghgobha:

1) TIDDIKJARA, bl-ghajnuna ta' Petit nominandi, illi l-kumpanija intimata naqset milli tezegwixxi l-obbligi taghha naxxenti mill-kuntratt ta' appalt datat 22 ta' Mejju, 2013 ('Dok. JM4') skond is-sengha u l-arti.

2) TIKKUNDNNA lill-kumpanija intimata sabiex, fi zmien qasir u perentorju prefiss minn din l-Onorabbli Qorti ghal dan l-iskop, sabiex tirrimedja u tirrettifika d-difetti u l-hsarat kollha relattivi a spejjez taghha, u dan taht id-direzzjoni ta' Perit nominandi, b'konsegwenza tal-akkoljiment tal-ewwel (1) talba suesposta.

3) Fin-nuqqas illi l-kumpanija intimata tezegwixxi x-xoghlijet mehtiega b'konsegwenza tal-akkoljiment tat-tieni (2) talba suesposta, TAWTORIZZA lill-atturi

sabiex, huma stess, jezegwixxu x-xoghlijiet rimedjali kollha mehtiega a spejjez tal-kumpanija intimata, u dan taht id-direzzjoni ta' Perit nominandi.

Bl-ispejjez, inkluz dawk referibbli ghall-ittra ufficjali bin-numru 615/15 u bl-imghaxijiet legali kontra l-kumpanija konvenuta, rapprezentant awtorizzat ta' liema huwa, minn issa, ingunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat li s-socjeta konvenuta tinsab kontumaci;

Rat l-atti, ir-relazzjonijiet tal-periti;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Kontumacja**

Kif gie ritenut mill-Qrati taghna: "Ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci, dan ma jaghtix lokk ghall-prezunzjoni tal-abbandun tal-liti, ghad-difett ta' eccezzjonijiet legittimi, jew ghal adezjoni ghad-domanda, imma, invece, ghas-supposizzjoni ta' remissjoni ghall-gustizzja tat-tribunal" (**Kollez. Vol. XLIII PI p 545**). Fi kliem iehor, l-invokazzjoni tal-principju "pro contumacies omnia jura clamant" (ara **Kollez. Vol. XXI PII p 234**);

Illi minn dan isegwi illi: "il-gudikant ghandu jezamina jekk it-talba hix gustifikata indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut" (**Giuseppe Wismayer vs Giovanni Magro**, Kumm, 24/11/1934, Kollez. Vol. XXIX P III p 35). Una volta u l-kontumacja ma tfissirx ammissjoni imma tfisser kontestazzjoni "l-attur xorta jibqa' li jrid jipprova t-talbiet tieghu u l-premessi ghalihom" (**Joseph Edmond sive Jesmond Mizzi vs Brian Mizzi et**, App 27/03/1996; **SMS Insurance Agency Limited vs. Irving & Co. Ltd.**, App Ghawdex 07/07/2005).

**Fatti**

Dan ir-rikors jitratta kuntratt ta' appalt bejn ir-rikorrenti Ebejer u l-intimata Salamada Ltd. Ir-rikorrenti jilmentaw dwar il-kwalita tax-xoghol ezegwit mill-intimata fl-

appartament numru 1, Spring Blossom, Triq l-Etna, Mellieha, u jsostnu illi dan ix-xoghol ma sarx skont is-sengha u l-arti u dana kif irrelata l-Perit Giorgio Schembri fir-rapport tieghu datat 15 ta' Lulju 2014, minn fejn jidher li l-ilmenti taghhom huma iccentrati fuq il-madum imqieghed fl-istess appartament.

**Legittimazzjoni attiva**

Illi Arthur Ebejer xehed li hu ma cediex id-drittijiet tieghu dwar il-kuntratt ta' appalt li ffirma ma' Salamanda Ltd. ghalhekk isegwi illi il-legittimazzjoni attiva f'din il-kawza hija vestita fih biss, u dan independetement mill-fatt li llum sid tal-appartament hija bintu u zewgha. Il-jedd li jifforma l-causa petendi ta' dina l-azzjoni huwa l-jedd kuntrattwali ta' Ebejer illi jezigi minghand l-intimata l-ezekuzzjoni specifika tal-obbligazzjoni.

**Relazzjoni teknika**

**Xoghol difettuz**

Waqt l-access li nzamm mill-periti fuq il-post, il-perit tekniku kkostata:

Irkejjen tal-madum ma jaqblux.

Fili mhux tal-istess hxuna.

Dizlivell bejn il-madum.

Madum itaptap.

Maduma ttaptap imxaqqa fis-salott.

Spazju li jiftah bejn l-'iskirting' tal-bank tal-kcina u l-madum.

Maduma mxaqqa quddiem il-bieb taI-kamra tal-banju.

Xifer bejn il-madum vertikali u l-banju.

Kulur differenti bejn il-'grouting' tal-madum tal-art tal-kamra tal-banju u l-kumplament.

Il-kulur tal-'grouting' fil-kamra tal-banju deher aktar car u simili ghal tal-hajt.

Kulur differenti tal-'grouting' fil-kamra tas-sodda ta' wara.

Tbajja fil-wicc tal-madum tal-kamra tas-sodda ta' wara.

**Konkluzzjoni teknika**

Illi ghar-ragunijiet spjegati fir-rapport tieghu, il-perit tekniku wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

3.1. L- Intimata ma esegwietx il-kuntratt ta' appalt li kellha mar-rikorrenti skont l-arti u s-sengha billi l-madum tal-art u dak vertikali madwar il-banju fl-appartament numru 1, 'Spring Blossom', Triq l-Etna, Mellieha huwa difettuz.
3.2. Ir-rimedju huwa li dan il-madum jinqala u jerga’ jsir mill-gdid, inkluz l-'iskirting' u l-madum vertikali mal-banju fejn ikollhom ukoll jinqalghu u jergghu jitwahhlu l-bibien.
3.3. Dawn ix-xoghlijiet rimedjali jiehdu xahrejn sakemm jitlestew.
3.4. Dawn ix-xoghlijiet rimedjali jiswew sitt elef, erba' mija u tlieta u sittin euro (€6,463).

**Il-patt kontenut fl-iskrittura ta' appalt**

Il-kondizzjoni kontenuta fl-iskrittura ta' appalt tat-22 ta' Mejju 2013, u numerata sebgha (7), (Dok. JM4 a fol. 16) taqra kif gej:

> The parties hereby agree that upon signing the relative deed of transfer, it is to be by an implicit agreement that the works mentioned in clause 3 are to the satisfaction of the Employer and agreed price is fully paid up by the Employer to the Contractor.

F'dan il-kaz mill-provi jirrizulta illi meta sar il-kuntratt ta' trasferiment tal-appartament fil-24 ta' Settembru 2013 il-konvenuta ma kienetx ghadha ezegwiet ix-xoghol miftiehem fl-appalt, ghalhekk ma jistax ikun illi l-atturi Ebejer jitqiesu li tacitament approvaw xoghol meta dana ma kienx ghadu lanqas gie ezegwit. F'dan il-kaz ix-xoghol gie ezegwit ferm u ferm wara l-kuntratt ta' trasferiment.

Kif inhu affermat fil-gurisprudenza, ir-rinunzja trid tkun cara u inekwivoka, b'mod li ma thalli ebda dubju dwar l-intenzjoni ta' min ikun irid jirrinunzja ghal dak li bi dritt huwa tieghu. "Ir-rinunzji huma di stretto diritto, u ghandhom jirrizultaw minn fatti assolutament inkonciljabbli ma' konservazzjoni tad-dritt, u li juru l-volonta preciza ta' rinunzja. Kwindi ma jistax jigi konkluz illi jkun hemm rinunzja tacita jekk mill-provi ma jkunx hemm indizzji cari u assoluti li l-volonta tal-persuna jew persuni tbiddlet. Ghandu jsegwi minn dan kollu li jekk l-indizji u l-fatti jhallu dubju dwar il-volonta tal-persuna, dan ghandu jittiehed kontra l-ezistenza tar-rinuzja (**Alfred Cauchi vs Joseph Xuereb**, PA 09/10/2003; u **Joseph Grech vs Dolores Ellis**, App 29/10/2004).

Inoltre jigi rilevat li l-Kodici Civili taghna ma jipprovdix taht l-istitut tal-appalt disposizzjonijiet dwar verifika u accettazzjoni tal-opra minghajr rizervi li kapaci tillibera lill-appaltatur mir-responsabilita ghall-vizzji palesi jew mill-garanzija ghad-difformitajiet u vizzji fl-istess opra (ara **Jonathan Compagno vs Thomas Zahra**, App Inf 06/10/2010).

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

L-appalt in kwistjoni jinkorpora kemm ix-xoghol tat-tqeghid tal-madum kif ukoll il-provvista tal-materjal necessarju.

Illi skond il-perit tekniku dawn id-difetti huma rizultat ta' xoghol mhux skont l-arti u s-sengha min-naha tal-appaltatur, cioe min-naha ta' min forna u qieghed l-istess madum.

Dawn id-difetti huma mferrxa mal-appartament kollu u skond l-istess perit dawn id difetti jitolbu, bhala rimedju, li tinqala' l-art kollha billi ma tistax tinqala’ maduma, maduma minghajr ma xellef il-madumiet li jiccirkondawha. Il-qlugh tal-madum jitlob ukoll li titnehha l-ghamara kollha, il-bibien u l-'iskirting' billi dawn jinsabu mqieghedha direttament fuq il-madum. Gie eskluz li jista jigi salvat xi materjal tal-madum u l-'iskirting' billi dawn facilment jixxellfu u mhux vijabbli li dawn joqghodu jigu mnaddfa sabiex jergghu jigu uzati. Inoltre hemm cans kbir li l-kulur tal-madum ma jigiex jaqbel.

Ghalkemm dawn id-difetti setghu jigu osservati waqt ix-xoghol minn bniedem tas-sengha, dawn ma kienux facilment vizibbli ghal bniedem kwalunkwe, partikolarment meta l-madum kien mghotti bil-materjal kif ukoll billi certu difetti dehru wara li l-madum gie 'grouted' u mnaddaf u meta bdew jiddahhlu l-bibien u l-ghamara fil-post meta nkixfu difetti ohra bhal ma huma dawk relatati mal-invell fl-art.

Dawn id-difetti gew trattati wkoll fir-rapport tal-perit Giorgio Schembri Dok. JM7 u huma wkoll evidenti fir-ritratti annessi mmarkati 'ASR'.

**Likwidazzjoni danni**

Ir-rikorrenti sofrew danni fl-ammont ta' €6,050 skont ir-rapport tal-perit Giorgio Schembri. Maghhom hemm spejjez ancillari mehtiega sabiex ikunu jistghu jigu esegwiti x-xoghlijiet rimedjali opportuni ghaz-zarmar u l-garr tal-ghamara mill-fond u kif ukoll il-hazna tal-istess.

Il-perit tekniku kkonsidra ragjonevoli t-talba kontentuta fir-rapport tal-perit Schembri fl-ammont ta' €6,050 tenut kont tax-xoghol kollu involut, kif ukoll l-10% kontingenza ta' €550 biex tkopri l-ispejjez tal-irrangar tal-madum madwar il-banju u l-qlugh u t-twahhil mill-gdid tac-caqquf.

Il perit tekniku qabel mal-istima ta' €413.00 (fol. 67) ghaz-zarmar u armar tal-bibien billi l-arti u s-sengha titlob li x-xambrelli jigu mqieghedha fuq il-madum.

Il-perit tekniku pero ma jaqbilx mat-talba ghal-€82.60 billi l-madum difettuz ser jinqala’ u ghalhekk mhux ser jitbiddel il-livell tal-art (ghajr ghall-'open plan' minhabba d-dizlivell li hemm, f'liema spazju pero mhemmx bieb) u ghalhekk mhemmx bzonn li l-bibien jinqatghu.

Il-perit tekniku fl-eskussjoni li saritlu pero qal illi hemm spiza ta’ circa €500 biex tigi spustata l-ghamara minn kamra ghall-ohra waqt li qed isir ix-xoghol. Din l-ispiza il-Qorti tqis li hi ragonevoli u ghandha tizdied mad-danni. Il-Qorti in oltre taqbel mal-atturi li biex ix-xoghol fil-kcina isir skont is-sengha u l-arti jrid jinqala’ l-madum ta’ taht il-bank tal-kcina. Il-perit tekniku jqis li biex dan isir hemm spiza ulterjuri ta’ €300 ghat-tnehhija tal-kcina biex isir il-madum mill-gdid u ghalhekk din is-somma ghandha tigi risarcita lill-atturi b’dan li l-konvenuta ma tistax tinzamm responsabbli ghal xi hsara fil-kcina waqt l-ispostament taghha billi l-kompitu taghha hu l-qlugh u t-tqeghid mill-gdid tal-madum skont is-sengha u l-arti.

**Konkluzzjoni**

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-konvenuta naqset li tezegwixxi l-appalt moghti lilha bis-sahha ta' skrittura privata tat-22 ta' Mejju 2013 skont is-sengha u l-arti u konsegwentement it-talbiet attrici ghandhom jintlaqghu.

Ix-xoghlijiet rimedjali jiswew €7,263.

Skond il-perit tekniku perjodu ta' xahrejn ghat-tlestija tal-istess ghandu jkun sufficjenti.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tiddikjara illi l-kumpanija intimata naqset milli tezegwixxi l-obbligi taghha naxxenti mill-kuntratt ta' appalt datat 22 ta' Mejju, 2013 skond is-sengha u l-arti; tikkundanna lill-kumpanija intimata sabiex fi zmien xahrejn improrogabbli tirrimedja u tirrettifika d-difetti u l-hsarat kollha relattivi indikati f'din is-sentenza a spejjez taghha, u dan taht id-direzzjoni ta' perit Alan Saliba li qed jigi nominat ghal dana l-iskop; fin-nuqqas illi l-kumpanija intimata tezegwixxi x-xoghlijiet mehtiega fiz-zmien moghti tawtorizza lill-atturi sabiex, huma stess, jezegwixxu x-xoghlijiet rimedjali kollha mehtiega a spejjez tal-kumpanija intimata gia likwidati fl-ammont ta' €7,263, u dan taht id-direzzjoni tal perit Alan Saliba.

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk referibbli ghall-ittra ufficjali bin-numru 615/15 u bl-imghaxijiet legali kontra l-kumpanija konvenut.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur